**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 18 ta' Marzu 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 499/2024 JPG**

**Kawza nru.: 5**

**RD**

**Vs**

**PS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RD datata 9 ta' Ottubru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata nhar is-sitta w' ghoxrin (26) t' Awwissu, Elfejn u Sitta (2006) (kif jixhed ic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala **Dok A**).*
2. *Illi l-esponenti issepara legalment minn mal-intimata permezz ta' kuntratt ta' Separazzjoni datat is-sittax (16) ta' Gunju, Elfejn u Hdax (2011) in atti tan-Nutar Dottor Joseph Christian Masini Vento (vide kopja annessa u immarkata – **Dok B**).*
3. *Illi l-kontendenti b'hekk ilhom separati ferm oltre it-terminu ta' sitt (6) xhur, rikjest mill-ligi.*
4. *Illi l-kontendenti ghandhom tifla bl-isem ta' ZD, li llum ghandha X – il sena hekk kif jindika l-kuntratt tas-separazzjoni taghhom (DOK A).*
5. *Illi ma tezisti ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet.*
6. *Illi ma hemmx lok li l-partijiet jergghu jirrikonciljaw u llum ghandhom hajja*

*totalment separata minn xulxin.*

7. *Illi l-esponenti jixtieq jottjeni d-divorzju jew hall taz-zwieg, u dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundzzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, tghid l-intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti in vista tas-suespost:*

1. *Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-zwieg ta' bejn l-esponenti u l-intimata; u*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' PS datata 28 ta' Novembru 2024, a fol 18, li jaqra hekk:

1. *Illi hemm qbil li l-partijiet izzewgu fis-sitta u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta, u li minn dan iz-zwieg taghhom huma kellhom tifla jisimha Z li llum ghandha X-il sena;*
2. *Illi hemm qbil li l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mis-sittax ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax, u dana permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Joseph Masini Vento LL.D;*
3. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi ilhom legalment separati ghandhom hajja totalment indipendenti minn ma xulxin;*
4. *Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' retta alimentarja dovuta;*
5. *Illi l-esponenti m'ghandhiex oggezzjoni ghat-talba ghal divorzju u/jew hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Att XIV tal-2011 u li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubblikku;*
6. *Illi l-esponenti m'ghandhiex thallas spejjes stante li t-talba hija tar-rikorrenti;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-intimata xehdet (vide affidavit a fol 21)** illi l-kontendenti izzewgu nhar is-26 ta' Awwissu 2006. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, li ghadha minorenni. Xehdet illi l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-16 ta' Gunju 2011 fl-atti tan-Nutar Dr Josef Christian Masini Vento. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-attur xehed viva voce nhar il-20 ta' Frar 2025** (**a fol 24 et seqq.**) u kkonferma u korrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' Awwissu 2006 liema zwieg jgib certifikat numru 1547/2006 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A a fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Josef Christian Masini Vento nhar is-16 ta' Gunju 2011 (Vide fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1547/2006 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jkunu a karigu tal-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**